KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Kumpless Umberto Calosso

Triq il-Kbira San Ġużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664

E-Mail: santavenera.lc@gov.mt

Web page: http://www.stvenera.gov.mt

9/16

**Minuti tad-disa' laqgħa tas-sittax–il sena tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret b'URĠENZA fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar il-Ħamis 15 ta' Ottubru 2009, fil-5pm.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sinjura Elizabeth Vella | - | Sindku |
| | Is-Sur Horace J Anastasi | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Cleaven Christian Bugeja | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Cassar | - | Segretarju Eżekuttiv |

1.0 <u>Item 1: Talba</u>

1.1 Il-laqgħa infetħet b'talba qasira mis-Sindku.

1.2 Is-Sindku qalet li din il-laqgħa ġiet imsejħa b'mod urġenti għaliex kien hemm kontestazzjoni fuq iż-żmien meta daħlet nomina partikolari u qabel mal-Kunsill jiddeċiedi fuqha, il-Kumitat tal-Ġieħ ma jistax jiltaqa.

2.0 <u>Item 2: Ġieħ Santa Venera 2009</u>

2.1 Is-Sindku qalet li sad-data tal-egħluq kienu waslu 7 nominazzjonijiet u l-għada waslet nominazzjoni oħra. Kompliet billi qalet li wara s-Sur Sultana staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv dwar kemm kienu intefgħu nomini, u allura ġie infurmat li nomina partikolari waslet tard, is-Sur Sultana ikkontesta dan il-fatt peress li qal li hu kien poġġiha personalment fil-kaxxa tal-ittri tal-Kunsill fid-29 ta' Settembru 2009 eżatt qabel il-laqgħa tal-Kunsill u allura kellha tiġi proċessata fit-30 ta' Settembru 2009 u allura fil-ħin. Qalet ukoll li l-istaff klerikali qed jgħid li n-nomina instabet fil-kaxxa tal-ittri fl-1 ta' Ottubru 2009.

2.2 Is-Sur Bugeja ikkonferma dak li qal is-Sur Sultana għax qal li b'kumbinazzjoni hu kien rah ippoġġiha fil-kaxxa tal-ittri eżatt qabel il-laqgħa tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2009.

2.3 F'dan l-istadju (5:25pm) is-Sur Briffa daħal fil-kamra u ħa postu madwar il-mejda.

2.4 Is-Sur Sultana qal li aktar kmieni hu kien għadda lis-Sindku kopji ta' numru ta' emails fejn jindikaw li emails mibgħuta fid-29 ta' Settembru 2009 ġew stampati fl-1 ta' Ottubru 2009. Dan jista jfisser li dakinhar il-posta setgħet ma saretx. Is-Sindku qalet li meta tiġi stampata email mhux neċessarjament hi l-istess data li qrajt l-istess email. Qalet ukoll li jista jagħti l-każ li għal fatt li l-uffiċċju kien bin-nofs ta' nhari ingħatat prijorita posta oħra. Hawn is-Sur Sultana wera emails datati fis-Sajf (meta l-uffiċċju jkun bin-nofs ta' nhari) stampati fl-istess ġurnata.

2.5 Is-Sindku qalet li skond il-Linji Gwida, in-nomini jridu jaslu bl-idejn mill-proponent u jingħataw lis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sur Sultana staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk in-nomini kollha ingħatawx lilu b'dan il-mod. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv. Għalhekk, is-Sur Sultana talab li n-nomini kollha jiġu dikjarati nulli.

2.6 Is-Sindku staqsiet għaliex m'għaddiex l-imsemmija nomina direttament lis-Segretarju Eżekuttiv meta dan kien preżenti għal-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sur Sultana wieġeb li hu ma riedx jidher li kien qed jimbotta xi nomina partikolari.

2.7 Is-Sur Sultana iddikkjara li hu lest jieħu affidavid fuq dak kollu li ġara.

2.8 Is-Sindku qalet li żewġ nominazzjoniet oħra kienu invalidi. Waħda minnhom peress li n-numru tal-karta tal-identita ta' waħda mis-sekondanti ma kienetx teżisti u oħra għax għaqda ma tistax tiġi nominata mill-membri jew uffiċċjali tagħha stess. Is-Sur Anasatsi staqsa kif ġew iċċekkjati. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li n-numru tal-karti tal-identita ġew iċċekkjati mis-Sindku fl-uffiċċju tagħha filwaqt li l-materja l-oħra ġiet iċċekkjata minnu aktar kmieni.

2.9 Is-Sur Anasatsi staqsa jekk l-istaff klerikari hux lest jieħu affidavid. Is-Sindku qalet li jekk hemm bżonn jintalbu jieħdu wieħed għada stess.

2.10 F'dan l-istadju (6:20pm) is-Sindku issospendiet temporanjament il-laqgħa sabiex tkun tista iċċempel lill-istaff klerikali tistaqsihom jieħdu affidavid l-għada stess.

2.11 Il-laqgħa tkompliet fis-6:27pm bis-Sindku tikkonferma li l-istaff klerikali kien aċċetta li jieħu affidavid. Is-Sinjuri Sultana u Bugeja ikkonfermaw li anke huma kienu sejrin jieħdu affidavid.

2.12 Wara diskussjoni, is-Sur Camilleri ippropona li invista taċ-ċirkostanzi, in-nomini kollha jkunu dikjarati validi. Is-Sindku ipproponiet li n-nomina li intqal li waslet tard tiġI dikjarata invalida. Il-proposta tas-Sur Camilleri ġiet sekondata mis-Sur Sultana u għaddiet b'erba' voti favur (Is-Sinjuri Sultana, Bugeja, Camilleri u Formosa) żewġ voti kontra (Is-Sindku u s-Sur Anastasi) u astensjoni (is-Sur Briffa). Għaldaqstant, il-proposta tas-Sindku m'għaddietx.

## 3.0 <u>Item 3: Egħluq</u>

3.1 Il-laqgha intemmet fis-6:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 27 ta' Ottubru 2009 fis-6pm b'aġenda tkun komunikata aktar tard.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Cassar | Ikkonfermati | Elizabeth Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | 27 ta' Ottubru 2009 | Chairperson |